MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Frar, 2011

Avviz Numru. 483/2009

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Renzo Spiteri u l-istess Renzo Spiteri**

**vs**

**Joseph Brincat u Roderick Azzopardi**

**Il-Qorti :-**

Rat ir-rikors tal-atturi kif prezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar l-1 ta’ Dicembru 2009 fejn talbu lil din il-Qorti:

Tiddikjara l-konvenuti in solidum jew min minnhom unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi bhala konsegwenza tal-incident li gara fl-1 ta’ Awwissu 2008 gewwa B’Bugia meta minhabba negligenza w imprudenza da parti tal-konvenuti jew min minnhom waqghet gallerija fuq il-vettura numru NBT 111 proprjeta’

ta' Renzo Spiteri u li dak il-hin kienet ipparkjata w b'hekk giet ikkagunata hsara f'din il-vettura;

Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' sitt elef tmien mija w erbgha w sittin Ewro w tmienja w erbghin centezmu (€6864.48) jew somma ohra verjuri, okkorrendo bl-opera ta periti nominandi w dana in kwantu ghas-somma ta' sitt elef tmien mija w disgha Ewro u tmienja w erbghin centezmu (€6809.48) lil Gasan Mamo Insurance Limited u in kwantu ghas-somma ta' hamsa w hamsin Ewro (€55) lil Renzo Spiteri;

Tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom jew min minnhom ihallsu lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficcjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap 12 datata 20 ta' Ottubru 2008.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-konsult (€25), t'ittra ufficcjali mibghuta a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap 12 datata 20 ta' Ottubru 2008 u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 3679/09 ipprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-istess konvenuti li jibqghu minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Joseph Brincat kif prezentat fl-atti nhar il-31 ta' Mejju 2010 (fol. 20) fejn eccepixxa s-segwenti:-

1. "*It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi.*
2. *L-esponenti m'ghandu ebda relazzjoni legali ma l-atturi u konsegwentement in kwantu diretti kontra tieghu it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti.*
3. *F'kull kaz u bla pregudizzju ghas-sueccepit l-esponent ma jahti bl-ebda mod ghall-incident indikat mill-atturi u konsegwentement mhux responsabbli ghall-hsara li tista' tirrizulta li sofrew b'rizultat tal-istess.*
4. *F'kull kaz u bla pregudizzju l-atturi ghandhom jipprovaw skond il-ligi il-fatti kolha allegati minnhom.*
5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri*."

Rat in-nota tas-socjeta GasanMamo Insurance Limited prezentata nhar it-12 ta' Novembru 2010 li permezz taghha esebiet erba' dokumenti w cioe' Dok A li huwa ir-rapport tal-pulizija, Dok B li huwa survey li sar fuq il-vettura NBT 111 proprjeta' tal-assikurat Renzo Spiteri, Dok C kopja tad-discharge receipt iffirmata minn Renzo Spiteri li turi li huwa rcieva l-ammont ta' disat elef u sitt mitt Ewro (€9600) u Dok D li huwa kopja tal-log book tal-vettura NBT 111.

Rat ir-risposta tal-konvenut Roderick Azzopardi fejn eccepixxa s-segwenti:-

"*Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha ghas-segwenti ragunijiet:*

*1. Preliminarjament ghax preskritti ai termini ta l-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*
*2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju l-insostenibilita ta' l-azzjoni fil-konfront ta' l-intimat esponenti stante li ma hemm ebda ness bejn l-allegat incident u l-esponent.*
3. *Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju, l-esponent ma jahti ghall-ebda incident indikat mill-attrici u wisq anqas jista' jigi misjub responsabbli ghall-istess incident u kkundannat ihallas xi forma ta' danni.*
4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri*.

*Bl-ispejjez kollha kontra l-atturi."*

Rat in-nota t'osservazzjonijiet prezentata mis-socjeta' attrici nhar id-9 ta' Dicembru 2010 fejn sostniet li l-eccezzjoni tal-konvenut Roderick Azzopardi dwar il-preskrizzjoni ghandha tigi michuda w dan peress illi l-azzjoni giet prezentata permezz ta' dan ir-rikors odjern fi zmien sentejn minn meta sehh l-incident.

Semghet lill-partijiet u cioe' Dr Louis Bianchi ghas-socjeta' attrici u lil Dr. Ian Spiteri Bailey ghall-konvenut Roderick Azzopardi, jittrattaw din l-istess eccezzjoni fis-seduta ta' nhar it-12 ta' Jannar 2011 meta dawn l-istess partijiet

awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza fuq din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-process jirrizulta li s-socjeta' attrici pprezentat ir-rikors taghha promotur nhar l-1 ta' Dicembru 2009 u dan wara li kienet ipprezentat ittra ufficcjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap 12 nhar l-20 ta' Ottubru 2008, u dan fil-konfront tal-konvenut Roderick Azzopardi, li qed jeccepixxi l-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar dawn il-fatti ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni bejn il-partijiet. Jirrizulta pero' li l-konvenut Azzopardi gie notifikat bil-kawza odjerna l-ewwel darba nhar is-7 ta' Awwissu 2010 permezz ta' avviz li deher fil-gazzetta lokali 'The Times', u ghalhekk sitt ijiem wara l-gheluq ta' sentjen mill-incident. Ghalhekk l-avukat difensur tal-konvenut Azzopardi qed jghid li una volta ghaddew is-sentejn minn meta ssucceda l-incident mertu tal-kawza u huwa gie notifikat bit-talba ghall-hlas wara li ghaddew is-sentejn, allura l-azzjoni hija preskritta.

Naturalment l-avukat difensur tas-socjeta' attrici assikurtrici ma jaqbilx ma' din it-tezi, w dan ghaliex isostni li una volta huwa pprezenta att gudizzjarju fi zmien sentejn, allura hemm l-interruzzjoni tal-perijodu preskrittiv, u dan in vista ta'' dak li jiddisponi l-artikolu 2131 tal-Kap 16.

L-artikolu 2130 (1) tal-Kap. 16 li jistipula illi "*Il-preskrizzjoni ma tinkisirx jekk in-notifika ta' l-att ma ssirx qabel ma jaghlaq xahar, li ghandu jibda jghodd mill-ahhar jum taz-zmien li hemm ghall-preskrizzjoni*". Hu dak hu proprju li gara f'dan il-kaz, li l-konvenut Azzopardi gie notifikat bir-rikors promotur nhar is-7 ta' Awwissu 2010 permezz tal-avviz li deher fil-gazetta lokali The Times.

Il-Qorti rat is-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Dr. Edward Woods noe et vs David Jones et noe** deciza nhar it-3 ta' Marzu 1995 fejn gie ritenut li l-

artikolu 2130 tal-Kodici Civili ma hux applikabbli ghall-att tac-citazzjoni, billi dana l-att jikkostitwixxi 'talba gudizzjarja' ai termini tal-Artikolu 2131 u 2132 tal-Kodici Civili. L-Artikolu 2130 tal-Kodici Civili japplika meta si tratta ta' ittra ufficcjali jew xi att gudizjarju iehor skond l-Artikolu 2128 tal-Kodici Civili, li bih il-kreditur juri li bi hsiebu jzomm il-jedd tieghu t'azzjoni fil-konfront tad-debitur."

F'dan il-kaz jirrizulta bic-car li l-attur mhux biss avza lid-debitur tieghu li bi hsiebu jzomm il-jedd tieghu t'azzjoni b'ittra ufficjali jew protest, izda l-attur ezercita dak id-dritt t'azzjoni bir-rikors, liema rikors gie ipprezentat entro t-terminu ta' sentejn li jissemma fl-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **<u>Briffa vs Debono</u>** deciza fis-7 ta' Lulju 1992 fejn saret distinzjoni bejn l-att rinnovattiv ta' l-azzjoni (bhal ma hija l-ittra ufficjali jew il-protest) u l-att esekuttiv taghha (bhal ma hija c-citazzjoni.)

Issir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Gunju 1994 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Alfred Gatt nomine vs David Jones et nomine</u>** fejn l-istess tip t'eccezzjoni li tressqet f'din il-kawza giet respinta ghall-istess raguni li qieghda tigi respinta din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Il-Qorti thoss li ghandha taghmel referenza ghas-sentenza moghtija nhar l-1 ta' April 2005 fl-ismijiet **<u>Perit Joseph Sultana vs Ronald Gaerty</u>** fejn inghad li:-*"Filwaqt li ittra ufficjali tehtieg li tigi notifikata sabiex issehh interruzzjoni tal-preskrizzjoni, meta ssir l-azzjoni innifisha il-prezentata tal-att gudizzjarju innifsu jinterrompi l-preskrizzjoni minghajr il-htiega ta' notifika*".

Dan il-hsieb jinsab ukoll fis-sentenza li nghatat fit-3 ta' Ottubru 2002 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (per Imhallef Tonio Mallia) fl-ismijiet **<u>Dr. Reno Borg nomine vs Joseph Borg et pro et noe</u>** fejn inghad ukoll li :-

*“Il-prezentazzjoni biss ta' kawza kontra debitur, hu bizzejjed ghall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, indipendentement min-notifika taghha, jekk, bil-korrezzjoni li tkun awtorizzata, il-kawza "tibqa' l-istess", in-notifika mill-gdid ma taghmilx differenza ghall-preskrizzjoni li tibqa' interrotta bil-ftuh tal-kawza”.*

**Illi ghalhekk a bazi tas-suespost m’hemmx dubbju li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut Azzopardi qieghda tigi michuda w dan a spejjez tal-istess konvenut Azzopardi.**

**Il-Qorti tordna l-kontinwazzjoni tal-kawza.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------